MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2295/2004

**First Finance Group u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2004, il-kliem 'First Fiance Group' gew jinqraw 'First Insurance Brokers Ltd'**

**vs**

**Achraf Garboa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta Dicembru 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm171.65) rapprezentanti l-premium ta' assikurazzjoni mahruga fuq il-vettura tal-konvenut tal-ghamla SEAT Ibiza numru ta registrazzjoni ASH 047 liema polza ggib in-numru 11516uPAO20973 u f'liema somma mitluba hemm inkluzi spejjes legali fl-ammont ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45);

Din it-talba qed tigi ntavolata stante li l-konvenut baqa’ ma hallasx nonostante li sarulu diversi nterpellanzi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali datata 8 ta’ Ottubru 2004 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-31 ta Jannar 2003 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-4 ta Marzu 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u wiehed u sebghin lira u hamsa u sittin centemzu (Lm171.65) bl-imghaxijiet legali dekorribbli kif rikjesti u bl-ispejjes ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------